

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/706**tad-29 ta' April 2021****li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 194/2008 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 4i tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 401/2013.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 4i tar-Regolament (UE) Nru 401/2013, il-Kunsill wettaq rieżami tal-lista ta' persuni u entitajiet deżejnjati li tinsab fl-Anness IV għal dak ir-Regolament.
- (3) Ġiet riċevuta informazzjoni aġġornata għal żewġ entrati.
- (4) L-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 401/2013 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 401/2013 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2021.

*Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS*

(¹) ĠU L 121, 3.5.2013, p. 1.

ANNESS

L-entrati 4 u 10 fil-lista ta' persuni fiżiċċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbilita fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 401/2013 huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
"4.	Aung Aung	Ġeneru: raġel Numru ta' identifikazzjoni militari: BC 23750	Il-Maġġur Ġeneral Aung Aung huwa l-Kmandant tal-Kmand tal-Lbiċ tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) u l-eks Kmandant tat-33 Diviżjoni tal-Infanterija Ħafifa tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw). F'dak il-kuntest, hu responsabbi għall-atroċitajiet u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa kontra l-popolazzjoni Rohingya fl-Istat ta' Rakhine fit-tieni nofs tal-2017 mit-33 Diviżjoni tal-Infanterija Ħafifa. Dawn jinkludu qtil illegali, vjolenza sesswali u l-ħruq sistematiku ta' djar u bini tar-Rohingya.	25.6.2018
10.	Khin Hlaing	Data tat-tweliż: 2 ta' Mejju 1968 Ġeneru: raġel	Il-Maġġur Ġeneral Khin Hlaing kien il-Kmandant tar-Reġjun tat-Triangolu tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw). Huwa l-eks Kmandant tad-99 Diviżjoni tal-Infanterija Ħafifa u kien il-Kmandant tal-Kmand tal-Grigal tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw). Bħala l-Kmandant tad-99 Diviżjoni tal-Infanterija Ħafifa huwa ssorvelja l-operazzjonijiet militari li twettqu fl-Istat ta' Shan fl-2016 u l-bidu tal-2017. F'dak il-kuntest, huwa responsabbi mill-atroċitajiet u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem li twettqu fuq minoranza etnika ta' raħħala fl-Istat ta' Shan fit-tieni nofs tal-2016 mid-99 Diviżjoni tal-Infanterija Ħafifa. Dawn jinkludu l-qtil illegali, id-detenzjoni furzata u l-qedda tal-villaġġi.	21.12.2018"